MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 86/2008

**Saviour Pisani**

**Vs**

**Duncan Petroni**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li biha l-attur wara li qal illi:

Illi fl-14 ta' Gunju, 2007 gie ffirmat ftehim ta' lokazzjoni bejn il-partijiet, tal-fond residenzjali, « Della », No. 23, Triq ir-Ratal Swieqi.

Illi l-intimat naqas milli jhallas il-kera sa minn Novembru, 2007 kif ukoll parti mill-kera ghax-xahar ta' Ottubru, 2007,

u ghalhekk huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' Euro 2,823.55 ekwivalenti f'liri Maltin ghal Lm1,212.15 rappresentanti Euro 582.34 ekwivalenti f'liri Maltin ghal Lm250 kera mensili ghax-xhur ta' Novembru, 2007, Dicembru, 2007, Jannar u Frar, 2008, Euro 186.35 ekwivalenti f'liri Maltin ghal Lm 80 bilanc fuq il-kera ghax-xahar ta' Ottubru, 2007, u Euro 307.83 ekwivalenti f'liri Maltin ghall-Lm132.15 rappresentanti l-kont tal-konsum tad-dawl u ilma. Illi nonostante illi l-intimat gie interpellat sabiex ihallas huwa baqa' inadempjenti.

Illi ai termini tal-ftehim ta' lokazzjoni jekk l-intimat ikun moruz fil-hlas ta' kera ghal xahar wahda u jibqa' hekk moruz ghal aktar minn sebat ijiem wara d-data illi fiha tkun dovuta l-kera, l-lokazzjoni tigi xjolta awtomatikament, u ghaldaqstant l-lokazzjoni mertu tal-kawza ghandha tigi meqjusa bhala xjolta, u konsegwentement l-intimat ghandu jivvaka l-fond minnufih.

Illi ghalhekk jissusistu r-rekwiziti ta' dak kontemplat fl-artikolu 167 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-intimat ghandu jigi zgumbrat mill-fond apparti illi jhallas l-kera dovuta.

Illi l-esponenti jiddikjara illi sa fejn jaf hu l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex ;

1. taqta' u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;

2. tiddikjara l-lokazzjoni tal-14 ta' Gunju, 2007 bhala wahda terminata w konsegwentement tordna lill-intimat jivvakaw l-fond de quo u jikkonsenja c-cwievet relattivi lir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti;

3. tiddikjara l-intimat bhala debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' Euro 2,823.55 ekwivalenti f'liri Maltin ghal Lm1,212.15

rappresentanti Euro 582.34 ekwivalenti f'liri Maltin ghal Lm250 kera mensili ghax-xhur ta' Novembru, 2007. Dicembru 2007, Jannar u Frar 2008, Euro 186.35 ekwivalenti f'liri Maltin ghal Lm 80 bilanc fuq l-kera ghax-xahar ta' Ottubru, 2007 u Euro 307.83 ekwivalenti f'liri Maltin ghal Lm132.15 rappresentanti l-kont tal-konsum tad-dawl u ilma w konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma fuq indikata jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi. B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti senjatament dik ghad-danni u kumpens sakemm fattwalment il-pussess tal-proprjeta` tirriverti lura lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-18 ta' Dicembru, 2007, kontra l-intimat li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

B'riserva ghall-kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat ghar-rimbors jew hlas ta' kwalsiasi kontijiet relatati mill-fond mertu tal-kawza, illi seta' l-intimat halla pendenti.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Saviour Pisani u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez, b'dan illi l-izgumbrament ghandu jsehh fi zmien xahrejn millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------